MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 255/2004

**Emmanuel Grech**

**vs**

**Gary Edward Lucas**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tlettax il-centezmu (Lm575.13) rapprezentanti hlas dovut ghal kontijiet tat-telefon li saru mill-konvenut.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-eventwali hlas kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.
Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi

pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tlettax il-centezmu (Lm575.13), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------